MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Numru 105/1999

Il-Pulizija
(Spettur Gaetano Walker)
vs
Mario Enriquez

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Mario Enriquez, iben il-mejjet Henry u Giovanna nee Borg, imwieled fis-6 ta' Awissu, 1967 u detentur tal-karta' ta' l-identita' numru 328967(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-Furjana fit-13 ta' Frar, 1999 ghall-habta tas-12.45p.m. ikkommetta serq ta' hand bag li fih flus, cheque books, biljetti tal-scratch and win, telecards, permezz ta' Hold Up minn fuq il-persuna ta' Antonia Muscat, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, valur liema valur hu izjed minn mitt lira (LM100), izda inqas minn elf lira (LM1000) Maltin ghad-dannu ta' Antonia Muscat;

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Antonia Muscat kontra l-volonta taghha;

Ukoll talli ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Lulju 1998;

Fl-ahhar nett  ukoll talli fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regulari, jew imitazzjoni ta' arma;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-3 ta' Awissu, 1999 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 261(a)(c), 262, 267, 276, 277, 279, 280, 86, 87, 28A sa 28H, 17, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

(b) Fl-Artikoli 26 u 27 tal-Kap. 66 u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-ewwel u ghat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u jissottometti illi t-tieni akkuza kienet mezz ghall-finijiet sabiex giet kommessa l-ewwel akkuza u dana waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru, 1999.

Illi ghalhekk jibqa lil din il-Qorti trid tiddeciedi jekk gietx ippruvata jew le ir-raba akkuza fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti fil-qosor li wasslu sabiex l-imputat tressaq il-Qorti f’dan il-kaz huma s-segwenti :

Fit-13 ta’ Frar, 1999 l-Ispettur Geatano Walker gie infurmat minn zewg kuntistabbli li kienu ghassa hdejn il-fosos tal-Furjana illi ftit tal-minuti qabel raw persuna ghaddejja tigri ftit ‘il boghod minnhom u taqsam ghal fuq il-fosos tal-Furjana. Din il-persuna f’idejha kellha baskett. Sussegwentement huma raw mara li bdiet taghmel sinjal twerzaq u tghajjat, “Aqbduh, Aqbduh”. Dawn iz-zewg kuntistabbli PC 683 Mario Caruana u PC 546 Mario Deguara telqu jigru wara dan ir-ragel u meta wasslu fi Triq Sant’Anna, vicin it-‘traffic lights’ ir-ragel zelaq mal-art u l-pulizija qabduh u arrestawh. Illi dan ir-ragel kien l-imputat fuq imsemmi illi kien hataf ‘handbag’ minghand mara li kienet ghadda kif ghaddiet il-Banka tal-Lottu numru disghin ili hemm vicin il-Pheonicia Hotel il-Furjana. Illi d-derubata Antonia Muscat gharfet il-‘handbag’ illi kien serqilha l-imputat u li kien diversi flus u biljetti tal-litterija, telecards u xi cheque books u anke affarijiet personali taghha.

Illi meta l-pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat sabu fuqu ‘revolver’ ta’ lewn iswed, pero’ kien jidher car illi dan ir-‘revolver’ kien tal-plastik.

Illi l-imputat ammetta dak illi kien ghamel mal-pulizija u dana meta kien qieghed isirlu l-interrogatorju. Huwa qal illi kien iddecieda li jaghmel dak illi ghamel peress illi ma kellux flus u ried ihallas l-insurance tal-karozza lit-tfajla tieghu. Dakinhar in-nhar illi gew kommessi dawn l-allegati reati l-imputat kien isteriku u hedded ukoll li kien ser inehhi hajtu u kien ghalhekk illi eventwalment kellu jittiehed l-isptar Mount Carmel.

Illi Antonia Muscat meta giet mghoddija l-‘handbag’ lura mill-pulizija ikkonfermat illi ma kien hemm xejn nieqes minnu.

Illi gie ippruvat mill-espert ballistiku is-Surgent 154 Jesmond Cassar illi l-pistola illi kellu f’idejh l-imputat meta

gew kommessi r-reati odjerni kienet ‘toy revolver’ tal-plastik illi fuqu kellu l-kliem ‘Made in China’ u skond l-espert dan it-‘toy revolver ma kienx jispara u kull ma kien jaghmel kien li meta jingibed il-grillu il-‘hammer’ jitla ‘il fuq u jinzel f’salt sabiex jahbat ma parti ohra tal-platik u b’hekk jikkaguna hoss zghir.

Illi fuq talba tad-difiza l-Qorti hatret lil Marianne Zammit sabiex taghmel pre-sentencing inquiry report fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi.

Illi Miss Zammit irrizultalha illi l-imputat kellu problemi ta’ natura emozzjonali u psikologika u ghal din il-fini fuq suggeriment tal-imsemmija Marianne Zammit il-Qorti hatret lil psikjatra Dr Joseph Spiteri sabiex jirrelata dwar l-istat mentali tal-imputat fuq imsemmi.

Illi dan l-inkarigu effettivament gie espletat u Dr Spiteri ipprezenta r-relazzjoni tieghu.  Huwa ikkonkluda li l-imputat fuq imsemmi ghadda minn esperjenzi li wasslu ghas-separazzjoni taz-zwieg tieghu li bla dubbju halla effett negattiv fuq ir-relazzjonijiet tieghu ma haddiehor.  Dr Spiteri ikkonkluda illi l-imputat ghandu storja minima ta’ abbuz hazin ta’ sustanzi illeciti illi jinkludu l-Ecstasy u l-LSD, pero’ l-imputat madanakollu ma ghandux problemi ta’ addizzjoni serja.  Illi l-abbuz moderat tal-alcohol jidher li huwa r-reazzjoni ta’ certu affarijiet illi graw fil-hajja tal-imputat.  Illi mill-aspett psikjatriku l-imputat fuq imsemmi ma jidhirx li jbaghti minn xi mard partikolari, izda jidher li hemm certu imgieba li hija relatata ma certu disordni fil-personalita u dan tal-ahhar ghandhom fatturi li jgeghluh ikun dipendenti fuq haddiehor kif ukoll hemm ukoll element ta’ fittazzjoni.

Illi mill-ezami psikjatriku illi l-imputat fuq imsemmi m’ghandux bzonn trattament partikolari ghall-kundizzjoni li ghandu u irrizulta ukoll illi l-imputat ghandu kontrol shih fuq il-fakulta mentali tieghu.

Illi irrizulta wkoll illi l-imputat kien ghamel xi zmien rikoverat l-isptar Monte Carmeli meta kien qieghed ibaghti minn ‘acute stess reaction’ u dan kien gara waqt iz-zmien

illi kien ikkarcerat. Aktar tard huwa kien gie riferut l-isptar Monte Carmeli minhabba li kien qieghed ibaghti minn sintomi imsemmija jigifieri ‘acute reaction to stress’.

Illi irrizulta ukoll illi fin-1991 l-imputat ried jikkommetti suwicidju billi jispara ghal rasu u kien missieru illi waqqfu milli jaghmel dan. Wara dan l-incident l-imputat ma kien ha l-ebda forma ta’ kura psikjatrika.

Illi ghal dak illi jirrigwarda ir-raba’ imputazzjoni l-Qorti wara illi rat l-Artikoli 26 u 27 tal-Kap. 66 tara illi fil-fatt din l-akkuza giet ippruvata u dana peress illi meta l-imputat wettaq is-serqa in kwistjoni huwa kellu fil-pussess tieghu imitazzjoni tal-arma tan-nar u ghaldaqstant peress illi l-imsemmija imitazzjoni tal-arma tan-nar kienet fuq il-persuna tieghu fil-hin tal-kummissjoni tar-reat il-Qorti tara illi din l-akkuza giet ippruvata u illi l-imputat ghandu jinsab ukoll hati ta’ din ir-raba’ imputazzjoni.

Illi in rikapitilazzjoni il-Qorti wara illi rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tat-3 ta’ Awissu, 1999 issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti qieset il-fatt illi d-derubata giet moghtija l-oggetti kollha illi gew misruqa minghandha dakinhar in kwistjoni. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija, kif ukoll il-fatt illi huwa irregistra ammissjoni f’dawn l-atti mal-ewwel opportunita li kellu sabiex jaghmel dan u dan kollu ser jittiehed in kunsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi sabiex taghti l-piena.

Illi l-Qorti b’mod partikolari qieset hafna wkoll dak illi qalet l-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit fil-pre-sentencing inquiry report illi hejjiet fuq inkarigu tal-Qorti u senjatament il-fatt illi hemm certu element ta’ instabbilita fl-agir tal-imputat u dan huwa rifless fil-mod impulsiv li bih l-imputat jasal ghall-azzjoni immedjata bhalma gara fil-kaz in kwistjoni. L-imputat ma kellux flus fuqu, it-tfajla tieghu ridietu ihallsilha l-‘insurance’ tal-karozza u huwa agixxa fuq l-impuls illi gieh billi ikkommetta s-serqa in kwistjoni.

L-imsemmija Marianne Zammit ikkonsidrat illi l-piena ta' prigunerija tista tfixkel aktar lill-imputat u jidher illi l-livell ta' kontrol mehtieg biex wiehed jghix hajja normali fis-socjeta' hu limitat, jew almenu illi dawn ic-cirkostanzi qeghdin joholqu dan il-precedent u jista jaghti l-kaz illi dan huwa rizultat tal-istess instabbilita emozzjonali u psikologika tal-imputat. Finalment Miss Zammit irrakkomandat illi l-imputat ghandu jinghat opportunita ohra u ghajnuna sabiex ikun jista jilhaq dan il-livell.

Illi l-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-imputat fil-passat ipprova jikkommetti suwicidju u illi huwa kien ikkommetta reat illi tieghu kien instab hati mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Lulju, 1998 peress illi t-tfajla li kellu dak iz-zmien kienet telqitu u huwa ried jaghmlilha bomba sabiex ibezzaha.

Illi fil-kaz odjern huwa ried ihallas l-'insurance' tat-tfajla illi ghandu, ma kellux flus u ghalhekk ikkommetta dan ir-reat.

Illi dawn il-fatturi kollha juru elementi ta' insabbilita, immaturita u problemi ta' natura psikologika da parti tal-imputat.

Illi wara illi l-Qorti iddeliberat fit-tul dwar dawn ic-cirkostanzi kollha tara li piena karcerarja ser tkun aktar ta' detriment ghall-imputat u illi jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 21 u l-Artikolu 28B subartikolu (2) tal-Kap. 9 il-Qorti sejra tvarja l-ordni originali maghmula taht l-Artikolu 28 A subartikolu (1) tal-Kap. 9 b'sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Enriquez"** datata **16 ta' Lulju, 1998** billi tissostitwixxi l-perjodu operativ ta' dik is-sentenza sospiza f'perjodu iehor ta' erba snin illi jibdew jghaddu mil-lum u dana b'referenza ghall-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju, 1998.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk

huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 G tal-Kap. 9 u qeghda taghmel ukoll ordni ta’ supervizzjoni li permezz tieghu qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda tordna illi kopja ta’ din l-ordni ta’ supervizzjoni tinghata minnufih lill-imsemmija Marianne Zammit.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ukoll ghal din l-ordni ta’ supervizzjoni.

(ft) Rita Mangion
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur